




# L-Aċċidenti tat-Traffiku: L-Ewwel Kwart tal-2023

NR079/2023    Data tal-Ħruġ: 09 ta' Mejju 2023

*Fl-ewwel kwart tal-2023, l-aċċidenti tat-traffiku u t-tidrib fihom żdiedu meta mqabblin mal-istess żmien tas-sena ta' qabel. L-imwiet ikkaġunati minn dawn l-aċċidenti kienu erbgħa.*



Matul l-ewwel kwart tal-2023, l-aċċidenti u l-persuni midruba fihom żdiedu meta mqabblin mal-istess żmien fis-sena ta' qabel. L-imwiet fl-aċċidenti tat-traffiku kienu jammontaw għal erba' min-nies.

L-għadd ta' aċċidenti tat-traffiku rrappurtati tul l-ewwel kwart tal-2023 laħaq it-3,822, li jirrefletti żjieda ta' 6.3 fil-mija fuq l-istess żmien fl-2022. L-akbar numru ta' aċċidenti ġew irreġistrati fid-distrett tat-Tramuntana tal-Port b'1,369 każ jew 35.8 fil-mija tal-aċċidenti kollha (Tabella nru 1).

Il-persuni midruba żdiedu bi 13.3 fil-mija jew 367 meta mqabblin mal-istess perjodu fl-2022. Il-persuni midruba gravi ammontaw għal 96, u kienu jikkonsistu minn 52 sewwieq, 8 passiġġieri u 36 persuna miexja/ċiklisti/oħrajn. Sewwieq u tliet persuni li kienu mexjin mietu bil-ġrieħi li ġarrbu (Tabelli nri 4 – 6). Matul l-ewwel tliet xhur tal-2023, l-imwiet mill-aċċidenti tat-traffiku naqsu b'ħamsa meta mqabblin mal-istess perjodu fl-2022 (Ċart nru 1).

## Ċart 1. L-aċċidenti u l-imwiet ikkaġunati mit-traffiku maż-żmien




L-akbar għadd ta' dawk li weġġgħu gravi kienu rġiel (77.1 fil-mija). Barra minn hekk, il-persuni kollha li mietu fl-aċċidenti tat-traffiku kienu rġiel. 39.8 fil-mija tat-tidrib kien jinvolvi persuni ta' bejn is-26 u l-40 sena (Tabella nru 5).

L-akbar għadd ta' tidrib mill-aċċidenti tat-traffiku (53.1 fil-mija) kienu jinvolvu karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom, ġew dawk l-aċċidenti li kienu jinvolvu l-muturi (34.6 fil-mija) u l-vetturi tal-ġarr tal-merkanzija (6.5 fil-mija). L-erbat imwiet kienu jinvolvu ħabta bejn żewġ vetturi li ħalliet sewwieq mejjet, u tliet persuni li kienu mexjin meta ntlaqtu minn vettura. L-għadd ta' ċiklisti li kienu nvoluti f'aċċidenti tat-traffiku kienu jlaħqu għal tmienja, li sitta minnhom indarbu ħafif u t-tnejn l-oħra weġġgħu gravi (Tabelli nri 6 u 7). It-tidrib ikkaġunat minn ħbit bejn vetturi kien jifforma l-akbar numru ta' tidrib b'64.3 fil-mija tat-tidrib kollu li ġara f'dawn l-aċċidenti tat-traffiku (Tabella nru 7).

Fil-jum tal-Ħamis ġraw kemm l-akbar għadd ta' tidrib b'65 tidriba kif ukoll l-akbar għadd ta' aċċidenti b'621 każ jew 16.2 fil-mija tat-total (Tabella nru 8). Il-maġġoranza tal-aċċidenti tat-traffiku seħħew fil-ħin ta' bejn id-disgħa u nofsinhar (09:00 – 11:59) bi 844 każ jew 22.1 fil-mija tat-total; segwiti minn dawk li ġraw bejn nofsinhar u t-tlieta ta' waranofsinhar (12:00 – 14:59) bi 828 każ. L-inqas għadd ta' aċċidenti seħħew bejn it-tlieta u s-sitta ta' filgħodu (03:00 – 05:59) b'60 każ (Tabella nru 9).

L-ogħla inċidenza ta' aċċidenti tat-traffiku kienet irreġistrata f'Birkirkara b'271 każ, segwita minn Ħal Qormi u Il-Mosta, b'220 u b'183 każ rispettivament (Tabella nru 10, Mappa nru 1 u Ċart nru 5).

L-Għarb, Il-Qala, L-Għasri, Ta' Kerċem, Ix-Xgħajra, San Lawrenz u Il-Fontana rreġistraw anqas minn ħames aċċidenti tat-traffiku. (Mappa nru 1 u Tabella nru 10).

## Mappa 1. L-aċċidenti tat-traffiku bil-lokalità: Jannar-Marzu 2023




Id-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna wera tnaqqis fl-aċċidenti tat-traffiku, mentri d-distretti l-oħrajn kollha wrew żjidiet meta mqabblin mal-ewwel kwart tas-sena ta' qabel. Id-Distrett tat-Tramuntana rreġistra l-ogħla żjieda fil-persentaġġ tal-aċċidenti tat-traffiku bi 12.3 fil-mija, segwit mid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port b'żjieda ta' 7.7 fil-mija (Tabella nru 1 u Mappa nru 2).

## Mappa 2. It-tibdil fil-persentaġġ tal-aċċidenti tat-traffiku bid-distrett: Jannar-Marzu 2023/2022

